MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 41/2013

**A B**

**vs**

**C D, E F B li b'digriet tal-11 ta' April 2013 giet ikonfermata Kuratrici Deputat sabiex tirraprezenta lil minuri G D, u Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat, tal-attur A B pprezentat fid-19 ta' Frar 2013, li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. Illi fil-perjodu meta l-attur kien f' relazzjoni mal-konvenuta C D, tnisslet u twieldet il-minuri G D fit-3 ta' Ottubru 2012;

2. Illi matul din ir-relazzjoni mal-attur, l-konvenuta kienet iffrekwentat ukoll lil Jonathan Grech ma' minn kienet f'relazzjoni qabel;
3. Illi waqt it-tqala l-konvenuta itterminat ir-relazzjoni minn ma' l-attur u ghazlet li tirritorna fir-relazzjoni li kellha qabel u cioe ma' Jonathan Grech;
4. Illi ghall-bidu l-konvenuta kienet tghid lil-attur li hu missier it-tarbija li kien ghad trid titwieled; izda sussegwentement bdiet tirrikattah li t-tarbija li kienet ser titwieled ma kinitx tieghu;
5. Illi sussegwentement ghalkemm l-attur kiteb lill-konvenuta kemm il-darba tramite l-Avukat tieghu sabiex isiru t-testijiet genetici u fir-rizultanzi li hu jkun il-missier tat- tarbija, it-tarbija tigi mill-ewwel registrat fuq ismu, l-konvenuta baqghet tirrifjuta li dawn isiru;
6. Illi l-konvenuta baqghet topponi u twebbes rasha u wara t-twelid tal-minuri, u cioe fit- tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena 2012, hija rregistrat lit-tifla bhala wild *'father unknown';*
7. Illi l-attur ghandu nteress li jirrikonoxxi lill-minuri G D bhala bintu gialadarba tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri permezz tat-testijiet genetici, liema testijiet l-konvenuta ghadha sal-lum tirrifjuta li jsiru;
8. Illi l-attur intavola ittra ufficjlai li ggib in-numru 1383/2012 fejn sejjah lill- konvenuta sabiex tirregistrah bhala missier il-minuri, izda hi baqghet twebbes rasha li ma riditx taghmel it-test tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita' tal-minuri G D;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tezercita s-setgha moghtija lilha ai termini ta' l-Artikolu 70 A (2) tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta u tissostitwixxi l-kunsens ta' l-omm C D li ma inghatax u tordna li jsiru t-testijiet xjentifici necessarji sabiex tigi vverifikata l-paternita' tal- minuri G D sabiex jigi kjarifikat jekk l-attur huwiex tassew missier l- istess G D;
2. Jekk permezz ta' dawn it-testijiet xjentifici jirrizulta li l-attur huwa fil-fatt missier il- minuri G Scicluna, tiddikjara li l-minuri G hi l-wild naturali tal-attur A B.
3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat- twelid tal-imsemmija minuri G D, mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem

*"unknown father"*, u minflok jinserixxi isem u kunjom il-attur A B, in-numru tal-karta tal-identita' tal-attur li hu 44529 (M), il-professjoni jew sengha, l-eta' tal-attur, il-post tat-twelid tar- attur u r-residenza tal-attur u kif ukoll isem u kunjom missier il-attur, u jekk l-imsemmi missieru hux haj jew mejjet, danakollu skont il-provi li ser jirrizultaw fi-kawza, u

4. Tordna kull modifika ohra in vista tat-tieni talba b'dana illi l-minuri ghandu jkollha kunjom il-attur u cioe B u jekk jehtieg f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax xhieda u l-elenku tad-dokumenti tal-attur;

Rat id-digriet datat 11 ta' April 2013 li permezz tieghu E F B, in-nanna paterna' tal-minuri, giet nominata kuratrici ghall-minuri, ghall finijiet kollha tal-ligi ;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, l-esponenet jeccepixxi illi fir-rikors guramentat tal-attur, ikluz fit-talbiet, l-isem tal-minuri G D hu erronjament imnizzel *'Jenald'*, minflok *'G'* hekk kif jirrizulta mill-estratt stess ta' l-Att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri bin-numru ta' iskrizzjoni 4710 tas-sena 2012 anness mar-rikors tal-attur. Ghall-beneficcju ta' kjarezza u kompletezza tal-gudizzju, l-esponent lil-attur sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet debiti fir-rikors odjern;

2. Illi minghajr hsara ghas-suespost, ghall-finijiet ta' kjarezza u kompletezza tal- gudizzju, l-esponent jirrileva li rigward l-ewwel talba tal-attur, l-Artikolu applikabbli tal-ligi huwa Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux Artikolu 70A (2) ta' l-istess Kap stante il-fatt li l-minuri G D twieldet barra mir-rabta taz-zwieg. Ghaldaqstant l-esponent jinvita lill-attur sabiex iwettaq il-korrezzjoni necessarja;

3. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri G D l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu it-tieni u t-tielet talba tal-attur, l- esponent jinvita lil-attur A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri G D, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla G D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita G D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 4710 tas-sena 2012;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra l-attur.;

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur konvenut;

Rat ir-risposta guramentata ta' C D li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, il-hatra ta' E F B bhala kuratrici tal-minuri G D ghandha tigi revokata, u ser jigi pprezentat rikors ghar-revoka ta' din il-hatra. Din il-hatra saret b'manuvra legali mhux korretta mill-attur. L-konvenuta C D, bhala omm il-minuri, hi *ex lege* l-kuratrici ta' bintha minuri, u hu inkoncepibbli li bhala kuratur il-bandu gie notifikat mill-attur lil ommu stess. Mhux fl-interess tal-minuri li jkun hemm bhala kuratur taghha persuna li ghandha pregudizzju favur uhud, u pregudizzju kontra uhud ohra mill-partijiet fil-kawza. F'kull kaz pero' dan jindika kemm l-attur m'ghandu l-ebda dubju li l-minuri G D hi bintu naturali;

2. Illi l-attur m'ghandu l-ebda interess guridiku li jiproponi l-azzjoni odjerna. Kull attur irid juri li l-kawza tista' tipproducilu rizultat utili jew vantaggjuz ghalih, u mhux il-mera vessazzjoni. F'din il-kawza, l-attur hu diga registrat bhala l-missier naturali u legali tal-minuri G D, skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u markat Dokument ES 1;

3. Illi ghadaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza;

4. Illi din il-kawza saret inutilment u l-ispejjez kollha taghha ghandhom jigu sopportati mill-attur, stante' li ghall-ittra ufficjali intavolata minnu ai termini tal-art 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fit-18 ta' Ottubru 2012 (annessa mar-rikors mahluf), l- esponenti kienet wiegbet li ma topponix ghar-registrazzjoni tal-attur A B bhala l-missier naturali ta' bintha minuri G D - dokument ES 2 anness;

5. Illi l-esponenti tichad b'mod mill-aktar kategoriku l-allegazzjonijiet inveritiera ventilati mil-attur fir-rikors guramentat intavolat minnu b'mod partikoari li hi frekwentat lil Jonathan Grech waqt li kienet f'relazzjoni mal-attur. L-esponent tichad ukoll illi hi kkontestat jew opponiet it-talba tal-attur sabiex hu jirrikonoxxi lil G D bhala bintu fuq ic-certifikat tat-twelid;

6. Illi suborinatament u bla hsara ghal dak gja eccepit, l-esponenti topponi r-raba' talba attrici stante li *semmai* il-kunjom tal-minuri ghandu jigi jaqra bhala 'B D' u mhux 'B'.

Salv ecezzjonijiet ohra u bl-ispejjez

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti prezentati;

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-5 ta’ Gunju 2013 li permezz tieghu ordnat korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex l-isem erronjament hemm indikat “Jenald” jigi sostitwit bl-isem “G”.

Rat in-nota tal-attur tal-10 ta’ Lulju 2013 li permezz taghha ceda it-tielet u r-raba’ talba tar-rikors mahluf tieghu stante li l-mertu ta’ dawn iz-zewg talbiet kien ezawriti bl-annotazzjoni tal-attur bhala missier il-minuri fl-att tat-twelid tal-minuri in segwitu ghan-nota tal-konvenuta C D tat-12 ta’ Dicembru 2012 ipprezentati fl-atti tal-ittra ufficjali li l-attur kien intavola fit-18 ta’ Ottubru 2012;

Rat in-nota ta' l-attur tal-10 ta’ Lulju 2013 li permezz taghha ceda il-kawza fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat l-atti kollha inkluzi l-affidavits u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghal decizzjoni dwar l-ewwel talba attrici liema decizjoni qed tinghata fil-forma ta' digriet ghal ragunijiet li ser jigu spejgati aktar 'l isfel.

**L-Azzjoni u l-Eccezzjoni.**

Permezz tal-ewwel talba tieghu l-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex tezercita s-setgha lilha moghtija bis-sahha tal-artikolu 70A(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Mala u tissostitwixxi l-kunsens tal-konvenuta C D li ma nghatax u tordna li jsiru testijiet xjentifici necessarji sabiex jigi kjarifikat jekk l-attur hux missier il-minuri G D.

Il-konvenuta C D tilqa' ghal din it-talba u tissottometti fit-tieni eccezzjoni taghha illi l-attur m'ghandu l-ebda interess guridiku jipproponi din l-azzjoni. Ghall-konvenuta l-kawza odjerna hija wahda vessatorja u li ma ser tipproduci l-ebda rizultat utili jew vantaggjuz lill-attur in kwantu diga' jinstab registrat bhala l-missier fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-risposta guramentata tieghu, issottometta illi l-artikolu applikabbli ghal kaz in dizamina ma hux l-Artikolu 70A(2) izda l-Artikolu 100A tal-Kap. 16 in kwantu l-Artikolu 70A(2) jirreferi ghal wild imwieled matul iz-zwieg filwaqt li l-Artikolu 100A jirreferi ghal wild imwieled barra z-zwieg.

Bhala fatt jirrizulta li l-minuri G D twieldet minn omm mhux mizzewga.

**Artikolu 100A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:

*'F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.'*

Is-Sub-Titolu li ghalih qed jirreferi l-Artikolu 100A huwa intitolat - *'Fuq il-Filjazzjoni Tal-Ulied Imnissla u Mwielda **barra miz-Zwieg'***

Artikolu 100A appena citat jistipula illi sew f'kaz ta' wild imwieled barra z-zwieg kif ukoll ta' wild imwieled fiz-zwieg il-Qorti ghandha l-istess poter li tordna lill-partijiet jissottomettu ruhhom ghal test genetriku kif stipulat bl-**Artikolu 70A** li jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel –*

*(a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel;*

*(b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel;*

*(ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*

*(d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel,li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx*
*raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

*(4) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' paternità u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob, li l-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika li jkun sar fuqha test ta' paternità, tippermetti l-ispezzjon tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' paternità jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1) Kap. 12.*

*(5) Ir-rikorsi msemmija f'dan l-artikolu għandhom jiġu deċiżi permezz ta' digrieti, liema digrieti jistgħu jkunu appellabbli skont  il-proċedura mfissra fl-Artikolu 229 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

L-azzjoni ta' filjazzjoni istitwita mill-attur ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**Artikolu 86 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovidi illi:

*“It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista’ jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it- tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta’ tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b’ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta’ nota preżentata fl-atti ta’ dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f’liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma’ dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta’ xahrejn fuq imsemmi,* ***kull min ikollu interess jista’ jmexxi b’rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi.”***

Ikkunsidrat;

L-attur istitwixxa l-kawza odjerna biex jigi stabbilit jekk hux missier il-minuri G. Fil-mument li giet intavolata l-kawza c-certifikat tat-twelid tal-minuri kien jindika ‘missier mhux maghruf’. Fil-mori tal-kawza l-attur gie imnizzel bhala missier il-minuri b’rizultat tal-procedura tal-ittra ufficjali li kien istitwixxa antecedentement il-kawza u li kien taht l-

impressjoni li l-omm kienet qed topponi. Inholoq malintiz peress li l-attur ma kienx gie notifikat bin-nota ipprezentata mill-omm fl-atti tal-ittra ufficjali tal-attur fejn kienet iddikjarat li taqbel li l-attur ghandu jigi indikat fl-att tat-twelid tat-tarbija bhala l-missier. Kien biss fil-mori tal-kawza li l-procedura tal-ittra ufficjali giet konkluza bin-notifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-adezzjoni tal-omm li waslet ghal emenda rikjesta fl-att tat-twelid.

Ghalhekk illum l-attur huwa missier il-minuri G ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ikkunsidrat;

Wara li l-attur skopra fil-mori ta’ din il-kawza li huwa effettivament kien gie registrat bhala missier it-tarbija huwa irtira it-tielet u r-raba’ talba tieghu li permezz taghhom kien qed jitlob li jigi hekk registrat jekk jirrizulta mit-testijiet xjentifici li kien il-missier.

Dwar dan il-konvenuta issottomettiet fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha illi una volta l-attur irtira t-tielet u r-raba’ talba tieghu fejn kien qed jitlob li jitnizzel fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, l-attur ghandu jitqies li irtira wkoll it-tieni talba tieghu fejn qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-minuri hija bintu. Il-konvenuta tikkontendi illi talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja dwar paternita’ m’ghandhiex validita’ u utilita’ jekk mhux segwita b’talba ghal tibdil fl-att tat-twelid.

Il-Qorti ma tikkondividiex tali sottomissjoni.

Mill-atti jirrizulta illi l-attur gie registrat fir-Registru Pubbliku bhala missier il-minuri wara li giet intavolata l-kawza odjerna. Tant hu hekk illi c-certifikat tat-twelid ezebit mill-konvenuta indikanti l-attur bhala l-missier gie rilaxxjat fit-8 ta’ Mejju 2013 (Dok. ES1 fol. 36), tlett xhur wara li l-attur fetah il-kawza. L-atti juru illi fil-mument li intavola l-kawza l-attur ma kienx ghadu gie registrat bhala l-missier u ghalhekk kien korrett li jintavola kawza ta’ filjazzjoni.

Permezz tal-ewwel talba attrici l-attur qed jitlob li jsiru t-testijiet genetici rilevanti. Huwa fatt mhux kontestat illi l-attur u l-konvenuta D kienu jifrekwentaw lil xulxin u kellhom relazzjonijiet intimi fiz-zmien li sehh il-koncepiment tal-minuri G. L-attur jallega li l-konvenuta kienet tifrekwenta ragel iehor waqt li kienet f'relazzjoni mieghu. Tali allegazzjoni hija michuda mill-konvenuta. Jigi pero' rilevat illi una volta l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja ta' paternita', huwa indikat li indipendentement x'jahseb l-attur il-Qorti tezigi l-ahjar prova li fic-cirkostanzi hija l-prova xjentifika bil-mezz ta' testijiet tad-DNA.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuta C D tirrileva illi t-talba ghal kjarifika dwar paternita' kellha ssir b'semplici rikors u ma kienx mehtieg ir-rikors guramentat anke ghaliex skont il-Kap. 16 tali rikors jigi deciz b'digriet u mhux b'sentenza, liema digriet huwa wkoll appellabbli.

Fil-fehma tal-Qorti l-uzu tar-rikors guramentat ma jirrendix il-procedura nulla. Tenut kont tal-fatt illi l-kawza kif inizjalment intavolata kellha l-iskop li mhux biss issir il-kjarifika dwar il-paternita' o meno tal-attur, izda wkoll li f'kaz ta' ezitu pozittiv issir id-dikjarazzjoni gudizzjarja dwar il-paternita' u jsiru l-emendi necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri, u tenut kont tal-fatt illi l-konvenuta ghadha sal-lum topponi t-talba tal-attur sabiex isiru t-testijiet tad-DNA, l-attur kien korrett li l-ewwel ma talab kien li f'kaz li l-konvenuta tibqa' tirrifjuta li jsiru t-testijiet tad-DNA tkun il-Qorti li tordna li tali testijiet isiru.

Illum il-gurnata l-avvanzi fix-xjenza ghamluha possibbli li jigi stabbilit kwazi b'certezza jekk ragel huwiex jew le il-missier ta' tarbija.

**Artikolul 70A (3) tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed*

*jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika*.

L-ebda effett kontrarju ghall-interessi tal-minuri ma rrizulta. Hadd mill-konvenuti ma kkontenda li tali kjarifika ser tohloq xi pregudizzju ghall-minuri. Ghall-kuntrarju, hija l-fehma tal-Qorti illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, b'mod partikolari in vista tal-fatt illi kieku ma resaqx il' quddiem l-attur il-minuri baqa' registrat bhala b'missier mhux maghruf, huwa fl-interess tal-istess minuri li ssir il-kjarifika tal-paternita'.

Illum l-attur qed jitlob il-kjarifika qua missier il-minuri. Tali dritt huwa moghti mhux biss lil min jippretendi li hu missier u ma jkunx ghadu hekk registrat izda wkoll lil min huwa registrat bhala missier. Stabbilit illi l-kjarifika mitluba mill-attur mhijiex ta' pregudizzju konsiderevoli ghall-minuri, l-ewwel talba attrici timmerita li tigi akkolta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, bis-sahha tal-Artikolu 100A u tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,

1) Tordna li jittiehdu kampjuni ghall-finijiet ta' testijiet xjentifici u genetici minn fuq il-persuna tal-attur, tal-minuri G u tal-konvenuta C D.

2) Tinnomina ghal dan il-ghan lil Dr Marisa Cassar, a spejjez provvizorjament tal-attur, sabiex (a) televa kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur, tal-minuri G u tal-konvenuta C D, u (b) tipprepara u tipprezenta rapport tad-DNA.

3) Tordna ghalhekk lil C D sabiex tattendi flimkien mal-minuri G fil-klinika ta' Dr Marisa Cassar fil-jum u hin li jigu lilha indikati minn Dr. Cassar. Il-Qorti tawtorizza lill-Avukati tal-partijiet ikunu prezenti ghal dan l-appuntament.

3) Notifika ta' dan id-digriet lil Dr Marisa Cassar u lill-konvenuta a kariku tal-attur.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------